# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**vs**

**Grace Gatt**

**Kumpilazzjoni Nru: 166/2010**

**Illum 19 ta' Ottubru 2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Grace Gatt nee' Bartolo, ta' 46 sena, bint Paul u Rita nee' Mifsud, imwielda Victoria Ghawdex fil-25 ta' Settembru 1968, residenti fil-fond Oryana, Triq Leli Falzon, Naxxar u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 34568(G).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi xhur fis-snin 2004 u 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi l-mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u hamsin Ewro (€186,350) (ekwivalenti ghal LM80,000) ghad-dannu ta’ John Attard mir-Rabat, Ghawdex.

Akkuzata wkoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor bil-ghan li tesercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi l-Onorevoli Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.

Akkuzata wkoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorci flus jew xi hag’ohra, jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddiet li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil John Attard mir-Rabat, Ghawdex u b’liema theddid waslet fil-hsieb taghha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef permezz ta’ liema huwa assenja din il-kawza lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

- 17, 31 u 533;
- 18, 308, 309 u 310(1)(a);
- 18, 121A(2); u
- 18, 250(1), 250(2).

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet.

Rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur ta'l-imputata ssoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet odjerni huma bazati fuq sensiela ta' avvenimenti li kienu jikkoncernaw lill-parte civile John Attard min-naha u l-imputata u certu Lourdes Castillo min-naha l-ohra. In succint u skond l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni dawn l-avvenimenti jistghu jigu riassunti hekk.

Illi l-ewwel kuntatt bejn Attard u l-imputata sehh lejn l-ahhar tas-sena 2004 meta huwa qabbadha bhala debt collector peress li kellu jiehu is-somma ta' sitta u tlettin elf Lira Maltin minghand certu Carmen Zammit. Ghal dan is-servizz l-imputata kellha tithallas, bil-quddiem, ghaxra fil-mija ta'l-ammont dovut; dan il-hlas sar kontra debita ricevuta. Eventwalment gie miftiehem li Attard jircievi ghas-saldu tal-proetensjonijiet tieghu kontra Zammit is-somma ta' tlettin elf lira Maltija u dan wara li jinbiegh fond li Zammit kienet kopropjetarja tieghu. Din is-somma ta' tlettin elf Lira Maltija thallset fi tlett pagamenti, pero minhabba avvenimenti li sehhew eventwalment hadithom kwazi kollha l-imputata.

Illi f'dan il-perjodu Attard inkariga lill-imputata ukoll bhala private investigator biex issegwi lil certu Maria li fiha kellu xi interess; f'dan l-istadju dahlet f'l-istampa Lourdes Castillo li kienet tigi inkarigata mill-imputata biex tghinha f'xogholha. Peress li Attard kien Ghawdxi u anke din Marija kienet Ghawdxija l-imputata ddelegat hafna mix-xoghol f'dan ir-rigward lil Lourdes Castillo. Ghal dan ix-xoghol Attard hallas u inghata ricevuta.

Illi gara li f'dak l-istess perjodu nqala disgwid bejn John Attard u ragel iehor li kien jahdem mieghu li ukoll kellu xi interess f'din Marija u l-imputata ikkonvinciet lil Attard li kienet ser issir xi vendikazzjoni mieghu fuq ix-xoghol. Attard kien jahdem fil-Ministeru ta'l-Eduzkazzjoni; f'dak il-perjodu il-Ministru kien Dr Louis Galea. L-

imputata weghdet lill-imputat li kienet ser tirrangalu billi tintervjeni mal-Ministru, tramite xi persuni vicini tal-Ministru; biex isir hekk pero Attard kellu jhallas xi flus. Kienet propju Castillo li kienet tigbor il-flus li Attard kien jigi mitlub ihallas lill-imputata minn zmien ghal zmien; Castillo mbaghad kienet tghaddihom lilll-imputata.

Illi gara ukoll li Attard sar jaf habiba ta' Castillo, jisimha omissis, li dak iz-zmien kienet ghada minorenni; ha grazzja maghha u beda jibghatilha messaggi inappropjati fuq il-mobile phone. Attard jallega li l-imputata u Lourdes Castillo saru jafu b'dawn il-messaggi u kienu irrikattawh fis-sens li heddewh li jekk ma jhallasx somma flus kien ser isir rapport lill-pulizija.

Ikkunsidrat

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputata qed tigi abbedietata bir-reati ravvizati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe t-truffa u l-frodi innominata.

Illi John Attard fid-depozizzjoni tieghu jghid li fil-perjodu meta, tramite Lourdes Castillo, kienet qed issegwi il-passi ta' din il-persuna Marija, l-imputata qaltlu li kien hemm persuna li riedet tkeccih mix-xoghol[1]. L-imputata ma waqfietx hemm imma qaltlu li Castillo kienet taf xi nies fil-Ministeru ta' Dr Louis Galea u ghalhekk setghu ghajnuh biex ma jitlifx xogholu pero kien hemm xi hlas li jrid isir; l-ewwel intalab somma flus u mbaghad sommom ohrajn sa kemm hallas is-somma ta' sittin elf lira Maltiija (LM60,000). Attard jghid li dawn il-flus huwa kien jaghtihom lil Lourdes Castillo; Attard spjega ukoll minn fejn kien igib dawn il-flus, cioe minghand certu Maureen Wood li eventwalment anke intavolat proceduri ghar-rifuzjoni ta' dawn l-ammonti.

Illi dwar il-fatti li kienu jikkoncernaw lil Omissis, Attard jispjega li wara li kien sar jafha huwa kien jibghatilha u jircievi messaggi minghandha fuq il-mobile phone; jammetti li dawn il-messaggi setghu kienu inappropjati partikolarment in vista tal-fatt li Omissis kienet ghadha minorenni. L-imputat jispjega li darba ircieva telefonata

[1] Apparentement ghaliex anke din il-persuna kellha interess f'din Marija.

minghand persuna li identifikat ruhha bhala omm omissis u heddietu li kienet ser tirrapportah lill-pulizija. Ftit wara ikkuntattjatu l-imputata u qaltlu li jekk ihallas somma flus ir-rapport ma kienx isir. L-imputata qaltlu li l-ammont mitlub kien ta' hamsin elf lira Maltija pero hija irnexxielha tinnegozja din is-somma sa kemm waslu ghall-ammont ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000). Jghid li l-imputata qaltlu ukoll li kellu jhallas hames mitt Lira Maltija biex is-service providers jikkancella l-messaggi li gew skambjati. Attard kompla jispjega li huwa ma kellux il-flus f'idejh hlif elf Lira Maltija li huwa ghaddiha lill-imputata. Din da parti taghha qaltlu li kienet ser tissellef is-somma dovuta lil Omissis minghand missierha. Ftit ta' zmien wara pero l-imputata qaltlu li missierha kien qed jissikkaha ghal flus u ghalhekk issellefet is-somma ta' ghaxart elef Lira Maltija minghand certu Noel Gaci li kien qed izommilha imghaxx gholi hafna tant li is-somma ta' ghaxar telef lira li hija sselleft minghand Gauci kien ser ikollha thallas tmintax il-elf Lira Maltija. Attard kompla jispjega kif huwa spicca biex hallas lill-imputata s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Lira Maltija f'dan ir-rigward u spjega ukoll li l-bicca l-kbira tal-flus hallashom billi l-imputata zammet ghaliha il-flus li kienet hallsietu Carmen Zammit cioe dik il-persuna li dwarha Attard originarjament kien inkariga lill-impuata). Attard pero jaghti dettalji ta' x'cekkijiet kien hareg u li anke issellef mingahnd terzi biex jipprova jaqta' dan "*id-dejn"* ma'l-imputata.

Illi ghandu jinghad li l-imputata tinnega dawn l-allegazzjonijiet kollha u kwalunkwe involviment taghha f'dawn il-kwsitjonijiet. L-imputata fil-fatt xehdet, pero fid-depozizzjoni taghha hija ghamlet hafna aktar emfazi fuq il-fatt li fil-perjodi in ezami hija kellha taffaccja diversi problemi medici b'hafna dettalji ta' xi proceduri kellha tissottometti ruhha ghalihom. Dwar il-fatti li taw lok ghal dawn l-imputazzjonijiet odjerni ma tantx tghid wisq hlif li tinnega kwalunkwe involviment taghha, u fil-waqt li tipprova tattaka l-kredibilita ta' John Attard kwazi kwazi titfa' kwalunkwe responsabbilta fuq Lourdes Castillo.

Illi fil-fatt hemm kunflitti fil-verzjonijiet mghotija minn Attard u l-imputata pero fil-fehma tal-Qorti dan il-kunflitt huwa rizolvibbli u l-Qorti hija konvinta li tista' taghti kredibilita lil John Attard. Dan mhux sempliciment ghax huwa kien bejn wiehed u iehor konsistenti fil-verzjoniji tieghu mghotija minn zmien ghal zmien imma aktar u aktar meta wiehed iqies li huwa gie korroborat kwazi l-asserzjonijiet kollha li

ghamel mill-persuni koncernati. L-ewwel u qabel kollox zgur ghandha ssir referenza ghad-depozizzjoni ta' Lourdes Castillo li mhux biss ikkonfermat dak li qal Attard imma anke ikkonfermat l-involviment ta' l-imputata partikolarment fil-fatti li kienu jirrigwardaw l-kwistjjoni fuq il-post tax-xoghol ta' Attard.

Illi Lourdes Castillo ikkonfermat mhux biss l-involviment taghha imma anke li hija kienet qed tagixxi fuq struzzjonijiet ta'l-imputata, li l-flus kollha li kien ghaddielha Attard hija kienet taghtihom lill-imputata[2], li Attard taha aktar minn hamsin elf Lira Maltija (li hija ghaddiet lill-imputata) minhabba dak li suppost kienu ser jaghmlu dwar il-kwistjoni fuq il-post tax-xoghol tieghu, ikkonfermat li lil Attard kienet qaltlu li hija tista' tirrangalu mal-Ministru Galea ghalkemm quddiem il-Qorti ammettiet li hi la kienet taf lill-Ministru u lanqas xi nies vicin tieghu. Hemm ukoll ix-xhieda tal-persuni kollha li hargu jew kellhom cheques pagabbli lilhom, li flimkien jikkorroboraw dak li qal Attard dwar x'hlasijiet saru, minn min u lil minn. Hemm ix-xhieda ta' Omissis u ommha li mhux biss jghatu kredibilita lil Attard imma, b'mod specifiku Omissis, tkompli zzied fuq dak li qal Attard. Omissis fil-fatt qalet fid-depozizzjoni taghha li kienet Castillo li kienet tibghat messaggi lil Attard minn fuq il-mobile taghha (cioe ta' Omissis). Xehedet anke Yoda Cassar li maghha tkellmu mhux biss Attard imma anke Castillo u l-imputata; din Yoda Cassar ukoll tat kredibilita lil verzjoni ta' Attard.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato ... Nella truffa ... l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un*

[2] L-imputata kienet tikkompensa billi "tiehu hsiebha" u anke tiixtrilha xi affarijiet ghal bzonnijiet taghha.

*atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*b) la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[3]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[4]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament*

[3] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[4] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*

*Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[5]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[6]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[7]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per*

[5] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[6] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[7] Op cit pagna 356

*tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[8].

Illi stabbiliti dawn il-principji u b'applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li jew pruvati l-elementi kollha essenzjali biex jissussisti t-reat ta' truffa ghaliex kien b'messa in xena wahda wara l-ohra: l-invenzjoni dwar il-problemi fuq il-post tax-xoghol segwieta b'l-invenzjoni dwar il-konoxxenza mal-Ministru Galea, il-messaggi li bdiet tibghat Lourdes Castillo lil Attard minn fuq il-mobile ta' Omissis, it-telefonata li ghamlet l-imputata meta laghbitha ta'omm Omissis, l-allegazzjoni li hija kienet isselleft xi flus minghand missierha u mbaghad Noel Gauci biex thallas lil Omissis, li l-imputata flimkien ma' Lourdes Castillo irrnexxielhom jikkonvincu lil Attard ihallashom dawk il-flus kollha u cioe Lm60,000 minhabba il-kwistjoni tax-xogholn u Lm28,000 minhabba il-kwistjoni ta' Omissis.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

## It-Tieni Imputazzjoni

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat ravvizat f'l-artikolu 121A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 'l hekk imsejjah *trading in influence*.

Illi kif dig ntqal fil-kunisderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni hija konvinta li dak li ntqal lil John Attard dwar xi influwenza li l-imputata setghet tezercita fuq xi persuna vicin tal-Ministru Louis Galea jew fuq l-istess Ministru kienet biss messa in xena biex l-imputata tkun tista' tottjeni aktar flus minghand Attard.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta ampjament li l-imputata u Grace Gatt ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-Ministru Galea jew xi persuni vicini tieghu, hekk kif jirrizulta li la l-imputata u lanqas Castillo (f'isem

[8] Op cit pagna 357

l-impuatata) qatt kellmu lill-imsemmi Ministru jew xi persuni vicini tieghu dwar John Attard.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta[9].

## It-tielet imputazzjoni

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat ravvizat f'l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe ir-rikatt.

Illi kif diga ntqal fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-artikolu 250 gie emendat minn zmien ghal zmien; fil-perjodu meta sehhew il-fatti li fuqhom hija bazata din l-imputazzjoni[10] d-dispozizzjoni kienet tipprovdi hekk:

> *(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.*
>
> *(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin.*

Illi ghalhekk ai termini ta'l-artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dan ir-reat taqa' bi preskrizzjoni b'l-eghluq ta' hames snin.

Illi kif gustament irrileva l-abbli difensur ta'l-imputata mill-atti ma jirrizultax bi precizjoni meta l-imputata giet notifikata bic-citazzjoni;

---

[9] Ghal kull buon fini kemm il-parte civile kif ukoll il-prosekuzzjoni implicitament qed jaqblu mal-fehma tal-Qorti.

[10] Cioe wara l-emenda li sehhet permezz ta' l-Att III tas-sena 2002 (artikolu 52) pero qabel l-emenda li sehhet permezz ta'l-Att XXIV tas-sena 2014.

dak li jirrizulta hu li c-citazzjoni giet prezentata fil-25 ta' Frar 2010 u li l-imputata dehret ghall-ewwel udjenza mizmuma cioe dik tas-7 ta' Mejju 2010. F'dik l-udjenza (u f'l-ebda stadju iehor tal-proceduri) l-imputata ma qajjmet l-ebda eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' notifika lilha bic-citazzjoni ghalhekk il-Qorti tista' serenement tassumi li l-imputata giet notifikata f'xi zmien bejn dawn iz-zewg dati. Pero la darba ma jistax jigi stabbilit f'liema gurnata bejn dawn iz-zewg data hija giet effettivamnet notifikata u tenut kont tal-principju li fil-kamp penali *in dubbio pro reo* l-Qorti ser ikollha tqis s-7 ta' Mejju 2010 bhala d-data meta l-imputata giet notifikata bic-citazzjoni.

Illi dwar r-reat in ezami u n-natura tieghu, kellha okkazjoni tippronunzja ruhha l-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Regina vs Geraldu Cassar et[11] fejn ntqal li:

> *Ir-reat ta' rikatt aggravat bil-kosegwiment tal-lukru kontemplat fl-artikolu 263(2) [illum 250(2)] tal-Kodici Kriminali hu reat istantanju u mhux permanenti, imma billi l-effett tieghu, cioè l-biza tad-denunzja inkulkata fis-soggett passiv tista' u generalment tibqa' tipperdura, jippresta ruhu hafna ghar-ripetizzjoni jew ghal forma kontinwata (skond is-solita regola jekk l-attijiet sussegwenti ikunux l-effett ta' rizoluzzjoni gdida kull darba jew tar-rizoluzzjoni originali u unika) u dan anke fis-sens li l-estorsjoni tal-lukru, f'l-izvolgiment ulterjuri tad-delitt (jew kontinwat jew semplicement ripetut), ma jkollhiex ta' kull darba l-bzonn tar-ripetizzjoni espressa u formali tat-theddida, u dan ghar-raguni ovvja li l-persuna rikattata, darba li tilhaq tigi sufficjentement impressjonata, tkun lesta ccedi ghal kwalunkwe domanda estorsiva li terga' ssirilha mill-kompartecipi originali tad-delitt, liema domanda ma jkollhiex bzonn ta' formuli specjali ghax tinftiehem, basta li dawk li ghandhom jiggudikaw mill-fatti jkunu sodisfatti li l-attijiet il-godda jkunu kkuluriti mill-intenzjoni doluza mehtiega ta' l-agent u mill-effett estorsiv attwalment ezercitat fuq l-animu tas-soggett passiv li, kif hu risaput bhala karatteristika ta' dan id-delitt fahxi, spiss isir qisu awtoma li r-rikattatur jilghab bih kif irid u meta jrid.*

[11] Deciza 02.07.1975

Illi minn dak li qal Attard fid-depozizzjoni tieghu il-fatti kollha li kienu jikkoncernaw lil Omissis sehhew f'Novembru 2004 fil-fatt huwa jghid li Grace Gatt ikkomunikat mieghu meta kienet imsiefra mat-tfal fil-vacanzi ta'l-iskola f'l-ewwel tlett ijiem ta' Novembru u li taha l-ewwel elf lira Maltija f'Dicembru 2004. Skond ma xehed Attard meta l-imputata qaltlu li kienet innegozjat l-ammont mitlub minn Omissis ghal ghoxrin elf Lira Maltijha huwa kellu biss elf lira li taghhom lill-imputata li suppost issellfet il-kumplament u hallset lil Omissis.

Illi ghalhekk u tenut kont ta'l-insenjament tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali r-reat gie ikkunsmat malli l-imputata ikkonvinciet lil Attard li huwa ghandu jhallas ghoxrin elf lira biex ma jsirx rapport lill-pulizija. Minn dak li qal Attard stess, hu kien konvint li Omissis thallset dak l-ammont ta' ghoxrin elf lira mill-ewwel u f'l-intier tieghu, ghaliex hu kien minghalih li l-imputata ssellfet il-flus biex thallsa f'ismu. Ghalhekk, ghalkemm huwa ghadda l-flus lill-imputata f'dati sussegwenti, ma jistax jinghad (fit-termini tas-sentenza fuq kwotata) li f' Attard baqghet tipperdura l-biza' tad-denunzja. Fil-fatt fid-depozizzjoni teighu Attard  ma jghidx li l-imputata kienet qatt regghet semmietlu l-possibilita tad-denunzja meta kienet tigri warajh ghall-hlas ta'l-ghoxrin elf Lira li eventwalment saru tmienja u ghoxrin elf Lira. Tant hu hekk anke meta l-ammont ghola minn ghoxrin elf Lira ghal tmeinja u ghoxrin elf Lira l-imputata ma rabtitx din iz-zieda mad-denunzja li setghet issir lill-pulizija imma rabbtietha ma'l-istorja li hija kienet issellfet ghaxar telef lira minghand Noel Gauci li taghhom kien qed jippretendi tmintax il-elf Lira.

Illi ghaklhekk il-Qorti hija konvinta li l-fatti li setghu jaghtu lok ghal din it-tielet imputazzjoni sehhew bejn Novembru u Dicembru 2005. Konsegwnetment la darba c-citazzjoni giet prezentata fil-25 ta' Frar 2010 u l-imputata tista' titqies bhala notifikata fis-7 ta' Mejju 2010 kienu lahqu ghddew il-hames snin stabbiliti mill-Ligi. Konsegwentement din it-tielet imputazzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, u l-fedina penali taghha. Fir-rigward tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll li fil-perjodu meta sar ir-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata l-artikolu 310(1)(a) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li *meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin*. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll li responsabbli flimkien ma' l-imputata ghal dawn ir-reati hemm ukoll Lourdes Castillo li hi ukoll instabet hatja u giet issentenzjata fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara it-tielet imputazzjoni preskritta u fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u taghha tikkundannaha sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapioltu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas lill-parte leza John Attard is-somma ta' €102,492.00 ekwivalenti ghal Lm44,000.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma thallasx lill-parte leza fiz-zmien prefiss u jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

In konkluzzjoni u peress li meta sehhew dawn il-fatti l-imsemmija Omissis kienet ghada minorenni l-Qorti qed tordna d-divjet mill-publikazzjoni ta' isimha f'kwalunkwe mezz ta' kommuikazzjoni u/jew stampa.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**